31993D0188

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

Ta' l-4 ta' Marzu 1993

li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE li tistabbilixxi l-forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru li jospita ANIMO u l-Istati Membri

(93/188/KEE)

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ fil-Komunità f'ċerti annimali u prodotti bil-għan li jkun ikkompletat is-suq intern [1], kif l-aħħar emendat mid-Direttiva 92/118/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħha,

Billi mogħti l-istadju ta' avvanz tax-xogħol preparatorju fl-Istati Membri għas-sistema ta' netwerk kompjuterizzata Animo data singola suppost tkun skedata biex is-sistema tkun miġjuba f'operazzjoni; billi din id-data suppost tieħu in konsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/486/KEE [3] li tistabbilixxi forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru li jospita Animo u l-Istati Membri;

Billi ċerti elementi neċessarji biex il-kuntratt ikun konkluż bejn iċ-ċentru li jospita Animo u kull Stat Membru suppost ikunu speċifikati;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provvediment f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 92/486/KEE hi hawn emendata kif isegwi:

1. fl-Artikolu 2 l-ewwel inċiż hu mibdul minn:
   "— jidħol fis-seħħ għal tliet snin mill-1 ta' April 1993,".
2. Is-segwenti parti hi miżjuda ma' l-Artikolu 2:
   "— tinkludi klawżola li tkopri, aġġornament, protezzjoni u disponibbiltà ta' informazzjoni, responsabbiltajiet u skeda ta' pagament."
3. fl-Artikolu 4, "l-1 ta' Lulju 1993" hu mibdul b' "1 ta' April 1994".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 1993.

Għall-Kummissjoni

Rene STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.
[2] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[3] ĠU L 291, tas-7.10.1992, p. 20.